# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Nru: 1794/2022**

**Wara l-Mandat Ta' Sekwestru Eżekuttiv Numru 501/2022 fl-ismijiet:**

***PAULINE DEBONO***

***VS.***

***ALBERT BALZAN***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar talba ta' Albert Balzan magħmula taħt l-**artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għat-tħassir ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fit-**<u>28 ta' Diċembru, 2022</u>**, Albert Balzan fisser li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 501/2022 mhux meħtieġ li jibqa' fis-seħħ għaliex permezz ta' tliet ċedoli ġie depożitat fir-reġistru tal-qorti l-ammont kollu li hemm imsemmi fil-mandat inkwistjoni;

3. Pauline Debono iżda ma taqbilx li dan il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv għandu jitneħħa. Kemm hu hekk, fit-tweġiba mressqa minnha fit-**<u>13 ta' Jannar, 2023</u>**, hija

tgħid li l-mandat għandhu jibqa' fis-seħħ għaliex: (i) talba simili biex jitneħħa dan il-mandat ġa kienet ġiet miċħuda minn din il-qorti b'Imħallef differenti; (ii) l-ammonti ddepożitati fil-qorti ma jkoprux il-kreditu kollu li hija għandha tiġbor mingħand Albert Balzan għaliex tgħid li baqa' l-ispejjeż żejda li nefqet fl-irkant ġudizzjarju bin-numru 20/22; u (iii) id-depożitu li hemm ma jiswiex bħala ħlas għaliex dan ma ġiex preċedut b'offerta volontarja għall-ħlas;

4. Inżamm smigħ fis-**<u>16 ta' Jannar, 2023</u>** u wara li l-qorti semgħet dak li kellhom xi jgħidu l-avukati tal-partijiet ipposponiet ir-rikors għal aktar tard, biex jingħata u jinqara dan id-digriet fil-miftuħ;

***Fatti***

5. B'sentenza, mhux appellata, fl-ismijiet ***Pauline Debono v. Albert Balzan*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Lulju, 2021, Albert Balzan ġie kkundannat iħallas lil Pauline Debono s-somma ta' €30,000 bl-imgħax. Fl-istess sentenza Albert Balzan ġie kkundannat iħallas ukoll l-ispejjeż kollha tal-proċeduri u l-ispejjeż marbuta mal-ittra uffiċjali 1309/2021;

6. Fl-10 ta' Marzu, 2022 u fit-12 ta' April, 2022, Pauline Debono talbet li jinħarġu żewġ mandati ta' sekwestru eżekuttivi kontra Albert Balzan fuq l-istess kreditu komplessiv ta' **<u>€34,083.22</u>** maqsum hekk: (i) €30,000 bħala sorti mnissel mis-sentenza; (ii) €1,800 bħala mgħax mit-12 ta' Mejju 2021 sal-20 ta' Frar, 2022; (iii) €2,130.38 bħala spejjeż ġudizzjarji; u (iv) €152.64 bħala VAT fuq id-drittijiet tal-avukat;

7. Dawn il-mandati ta' sekwestru eżekuttivi, bin-numru ta' riferenza 341/2022 u 501/2022 ġew milqugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'digrieti mogħtija fit-22 ta' Marzu, 2022 u fis-27 ta' April, 2022 rispettivament;

8. B'ċedola numru 644/2022 tat-12 ta' April, 2022, il-Bank of Valletta plc iddepożita, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż tad-depożitu, is-somma ta' €25,325.77, filwaqt li

b'ċedola bin-numru 2310/2022 tad-29 ta' Novembru, 2022 Albert Balzan iddepożita, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż tad-depożitu, is-somma ta' €8,176.92. B'kollox għalhekk hemm depożitat is-somma ta' €33,502.69;

9. Fid-29 ta' Novembru, 2022, Albert Balzan ressaq rikors biex jitħassar il-mandat ta' sekwestru 501/2022 għaliex skontu kien hemm biżżejjed flejjes iddepożitati l-qorti biex jagħmlu tajjeb għall-kreditu msemmi fil-mandat. Dan ir-rikors iżda ġie miċħud min din il-qorti b'Imħallef differenti permezz ta' digriet tal-15 ta' Diċembru, 2022 minħabba li mhux il-kreditu kollu msemmi fil-mandat kien kopert;

10. Wara dan id-digriet, Albert Balzan fit-28 ta' Diċembru, 2022 ippreżenta ċ-ċedola bin-numru 2471/2022 fejn iddepożita s-somma ta' €5,031.00, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż tad-depożitu;

11. Għalhekk meta wieħed jgħodd it-tliet ċedoli wieħed isib li hemm depożitat b'kollox is-somma ta' €38,533.69;

12. Fl-istess jum tat-28 ta' Diċembru, 2022, Albert Balzan ressaq dan ir-rikors għat-tneħħija tal-mandat ta' sekwestru għaliex qed jgħid li fid-dawl tal-flejjes iddepożitati b'dawn it-tliet ċedoli, il-kreditu ta' Pauline Balzan ġie saldat;

***Konsiderazzjonijiet***

13. Mandat eżekuttiv jista' jitneħħa kollu kemm hu jew f'parti minnu skont l-**artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, jekk jintwera li hemm raġuni valida fil-liġi. Il-liġi ma tagħtix tifsira ta' x'joħloq raġuni valida fil-liġi u għalhekk kollox huwa mħolli fil-ġudizzju prudenti tal-ġudikant skont il-fatti li jkollu quddiemu;

14. F'dan il-każ, Albert Balzan jgħid li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv għandu jitneħħa kollu kemm hu għaliex hemm depożitat fir-reġistru tal-qorti l-ammont kollu ta' kreditu li qed jintalab minn Pauline Debono;

15. Pauline Debono tibda billi ssostni fit-tweġiba tagħha li l-proċedura mibdija minn Albert Balzan hija nulla għaliex talba għall-ħruġ ta' kontromandat diġà ġiet miċħuda qabel, b'digriet ieħor ta' din il-qorti mogħti fil-15 ta' Diċembru, 2022;

16. Jissokta jingħad, li skont l-**artikolu 281(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, jekk xi ħadd ma jkunx jaqbel ma' digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għandu x'jaqsam ma' rikors għat-tneħħija ta' mandati eżekuttivi, dak li jkun għandu jappella minn dak id-digriet quddiem il-Qorti tal-Appell u mhux jipproponi rikors ġdid quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex terġa' tqis jekk għandux jitneħħa l-mandat jew le. Tassew, kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Marlon Borġ nomine v. M.V. Bright Star*** deċiża fis-17 ta' Ġunju, 2019,

> *«meta parti li kontra tagħha jkun inħareġ mandat eżekuttiv jidhrilha li hemm aktar minn raġuni waħda għat-tħassir ta' dak il-mandat, għandha tressaq dawk ir-raġunijiet kollha flimkien f'rikors wieħed – kif igħid l-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: "persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv … tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel" – u mhux tagħmel rikors u, wara li dak ir-rikors jiġi miċħud, tagħmel rikors ieħor għal raġuni differenti li iżda setgħet ressqitha fl-ewwel rikors. Din il-manuvra maħsuba biex iġġebbed il-proċeduri hija skorretta u sleali ...»*

17. Jiġi b'hekk, li persuna li kontra tagħha jkun inħareġ mandat eżekuttiv ma tistax tressaq rikors ġdid għat-tneħħija tal-mandat fuq raġunijiet li hija setgħet ressqithom fl-ewwel rikors li jkun ġie miċħud;

18. Madankollu fil-fehma tal-qorti ma hemm xejn xi jżomm lil dik il-persuna milli tressaq it-tieni rikors għat-tneħħija tal-mandat, fuq raġunijiet ġodda li ma jkunux jeżistu fil-mument li jkun sar l-ewwel rikors, iżda, li jiżviluppaw wara li l-ewwel rikors ikun ġie miċħud. Hekk pereżempju huwa legalment loġiku, li dejjem tista' titressaq talba ġdida għat-tneħħija tal-mandat eżekuttiv, jekk wara li jkun ġie miċħud l-ewwel rikors, ikun sar il-ħlas kollu tal-kreditu li dwaru jkun inħareġ il-mandat eżekuttiv. Wara kollox, deċiżjoni marbuta mat-tneħħija ta' mandat taħt l-**artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** tingħata fis-sura ta' digriet u mhux

ta’ sentenza, b’dana għalhekk li tali deċiżjoni mhijiex marbuta bil-prinċipji tar-*res iudicata*;

19. Sewwasew fil-każ tagħna, fit-tieni rikors tiegħu għat-tħassir tal-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv 501/2022, Albert Balzan ressaq raġuni ġdida għaliex għandu jitneħħa l-mandat, li żviluppat wara d-d-digriet tal-15 ta’ Diċembru, 2022, li permezz tiegħu kien ġie miċħud l-ewwel rikors għat-tneħħija tal-mandat. Din ir-raġuni ġdida hija li l-kreditu kollu ta’ Pauline Debono ġie mħallas, wara li fit-28 ta’ Diċembru, 2022 huwa ppreżenta ċ-ċedola ta’ depożitu bin-numru 2471/2022;

20. Għalhekk la t-tieni rikors ta’ Albert Balzan għat-tneħħija tal-mandat ġie msejjes fuq raġuni ġdida li ġrat wara l-ewwel rikors, il-fatt waħdu li diġà kien hemm deċiżjoni preċedenti ta’ din il-qorti li ċaħdet talba għat-tneħħija tal-mandat, dan ma jżommx lil Albert Balzan milli jipproponi dan it-tieni rikors. L-ewwel eċċezzjoni ta’ Pauline Debono dwar in-nullità ta’ din il-proċedura għalhekk qiegħda tiġi miċħuda;

21. Fit-tieni eċċezzjoni tagħha, Pauline Debono tgħid li mhux minnu li l-kreditu tagħha ġie mħallas kollu għaliex tgħid li baqa’ x’jitħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji marbuta mal-atti tas-subbasta bin-numru 20/22;

22. Jekk wieħed iżda jħares lejn il-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv bin-numru 501/2022, li qiegħed jiġi attakkat f’din il-proċedura, wieħed isib li dan il-mandat inħareġ kontra Albert Balzan għall-kreditu ta’ €34,083.22 imnissel mis-sentenza tal-5 ta’ Lulju, 2021 u għall-ispejjeż marbuta mal-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv. Ma jirriżultax li dan il-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv kien ikopri wkoll bħala kreditu l-ispejjeż ġudizzjarji li jolqtu s-subbasta bin-numru 20/22;

23. Din it-tieni eċċezzjoni ta’ Pauline Debono għalhekk qiegħda tiġi miċħuda wkoll;

24. It-tielet eċċezzjoni ta’ Pauline Debono hija li mhuwiex minnu li d-depożitu mwettaq minn Albert Balzan joħloq ħlas tal-kreditu kollu tagħha. Dan tgħidu

għaliex biex ħlas b'depożitu jkun jiswa hemm bżonn li l-ħlas jiġi l-ewwel offrut lill-kreditur. Ħaġa li f'dan il-każ ma kienx hemm għaliex Albert Balzan qabad u ddepożita l-flejjes mingħajr ma offriehom l-ewwel lilha;

25. Huwa veru li skont l-**artikoli 1173** u **1174 tal-Kodiċi Ċivili** depożitu ma jiswiex daqs ħlas, jekk il-kreditur ma jkunx qabel irrifjuta offerta valida. Tgħid sew għalhekk Pauline Debono li d-depożitu li sar minn Albert Balzan biċ-ċedola numru 2471/2022 ma jiswiex bħala ħlas, ladarba l-ammont imsemmi fiċ-ċedola ma ġiex offrut lilha minn qabel bil-fomm jew bil-miktub;

26. Madankollu huwa veru wkoll li l-**artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, jgħid li mandat ta' sekwestru eżekuttiv jista' jitneħħa mhux biss meta jkun hemm ħlas tal-kreditu imma wkoll jekk jintwera li hemm raġuni valida fil-liġi;

27. M'hemmx dubju li Albert Balzan ma messux qabad u telaq jiġri jippreżenta la t-tielet ċedola ta' depożitu u lanqas dan it-tieni rikors għat-tneħħija tal-mandat. Minflok huwa messu l-ewwel ħa ħsieb li jara li Pauline Debono tiġbed bla xkiel il-flejjes li ġew iddepożitati bl-ewwel żewġ ċedoli ta' depożiti u mbagħad offra l-ħlas tal-bilanċ li kien għad baqa' mill-kreditu msemmi fil-mandat ta' sekwestru eżekuttiv. Kien ikun biss jekk Pauline Debono tonqos milli taċċetta l-ħlas, li Albert Balzan kien ikun f'postu li jippreżenta t-tielet ċedola ta' depożitu u t-tieni rikors għat-tneħħija tal-mandat;

28. Lil hemm minn dan però, għalkemm dan l-aġir mhux f'loku ta' Albert Balzan ħa jkun rifless fil-kap tal-ispejjeż, madankollu, fil-fehma ta' din il-qorti, dan l-aġir ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-kreditu kollu msemmi fil-mandat inkwistjoni jista' jinġabar minn Pauline Debono, flimkien mal-ispejjeż marbuta mat-talbiet tal-iżbank. Tassew l-ammont ta' €38,533.69 li hemm depożitati bit-tliet ċedoli 644/2022, 2310/2022 u 2471/2022 jisboq dak ta' €34,083.22 li hemm imsemmi fil-mandat ta' sekwestru eżekuttiv. Barra minn hekk, l-ammont ta' €38,533.69 iddepożitat b'dawn it-tliet ċedoli huwa milqut mill-mandat mertu tal-każ, ladarba r-Reġistratur tal-Qrati inzerta li huwa wieħed mis-sekwestratarji;

29. Għalhekk din il-qorti tħoss li l-aħjar mod kif tiddisponi bit-talba ta' Albert Balzan għall-ħruġ tal-kontromandat u bit-tielet u r-raba' eċċezzjoni ta' Pauline Debono huwa li tħassar il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 501/2022, b'dana iżda li fil-konfront tas-sekwestratarju r-Reġistratur tal-Qorti, il-mandat għandu jitqies li ġie mneħħi biss wara li Pauline Debono tiġbed il-flejjes li ġew depożitati bit-tliet ċedoli 644/2022, 2310/2022 u 2471/2022;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti filwaqt li qiegħda tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni ta' Pauline Debono, tissokta billi tilqa' t-talba ta' Albert Balzan miġjuba fir-rikors tat-28 ta' Diċembru, 2022 sabiex jitħassar il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 501/2022 skont l-**artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, b'dana iżda li fil-konfront tas-sekwestratarju r-Reġistratur tal-Qorti, il-mandat għandu jitqies li jiġi mneħħi biss wara li Pauline Debono tkun ġibdet il-flejjes li ġew depożitati bit-tliet ċedoli 644/2022, 2310/2022 u 2471/2022;

L-ispejjeż marbuta ma' din il-proċedura għandhom jitħallsu kollha kemm huma minn Albert Balzan għaliex qabel mexa b'dawn il-proċeduri huwa messu offra l-ħlas bil-fomm jew bil-miktub lil Pauline Debono.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**